MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 45/2013

**Direttur Generali Taxxa Valur Mizjud**

**Vs**

**Direttur Alfavil Construction Limited**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mill-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited fil-21 ta' Jannar 2013 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal jiddikjara li l-ammonti reklamati mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' l-istimi li inhargu ghas-snin 2006 sa' 2008 u ghall-perijodi Jannar sa' Marzu 2009 u Ottubru sa' Dicembru 2010 ma humiex dovuti stante li: (i) in via preliminari l-istimi huma irriti u nulli peress illi s-socjetà Alfavil Construction Limited tpoggiet fi stat ta' xoljiment fl-10 ta' Settembru 2008 u ghaldaqstant m'ghandhiex diretturi u l-istimi ghalhekk qatt ma setghu jinhargu f'isem is-socjetà u wisq inqas jigu notifikati lid-Direttur, kif invece gara; u li (ii) fil-meritu l-ammonti reklamati mid-Direttur Generali ma humiex dovuti ghaliex kien hemm arrangament *ad hoc* ma' l-istess Direttur Generali li s-socjetà ma ghandhiex tigbor il-VAT fuq ix-xoghol taghha u li l-VAT li kellha tithallas kellha tithallas biss jekk u meta l-appartamenti proprjetà tas-socjetà Madliena Village Limited jinbieghu *finished*, liema appartamenti però dejjem inbieghu *shell* jew *semi-finished* izda qatt ma nbieghu *finished* u ghalhekk id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma kellux dritt johrog l-istimi in kwistjoni;

Ra li l-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited ippremetta wkoll li l-appell qed jigi interpost anke fuq l-ammonti ta' imghax u penalitajiet, kemm dawk li gew inkluzi fl-istimi kif ukoll fuq dawk li jistghu jigu imposti fil-futur, u li minhabba telf li

sostnew is-socjetajiet Alfavil Construction Limited u Madliena Village Limited, l-imsemmija zewg socjetajiet huma *insolvent*;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u markati Dok. “SB01” a fol. 3 sa’ 18 tal-process;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta’ liema jopponi ghat-talbiet tal-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited u jitlob li l-istess jigu michuda stante li: (i) l-istimi li nhargu minnu huma validi kif jirrizulta mill-fatt stess li r-Rikors gie intavolat mill-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited li fih innifsu huwa prova li l-istimi in kwistjoni nhargu kontra ir-rapprezentant legali attwali tas-socjetà, ossia l-Likwidatur mahtur minnha, u mhux f’isem id-Direttur tas-socjetà. Fi kwalunkwe kaz il-*lapsus* da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fejn erronejament irrefera ghal Silvio Busuttil bhala Direttur u mhux Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited ma jnaqqas xejn mis-sahha tan-notifika ta’ l-istimi u dana ai termini ta’ dak provdut fl-Artikolu 72(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta; (ii) fil-meritu, minn investigazzjoni immexxija mit-Tax Compliance Unit u sussegwentement fl-istadju tar-Review irrizultaw fatti xort’ ohra minn kif premess mill-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited u ghaldaqstant il-likwidazzjoni tat-taxxa mahduma minnu hija gusta u jisthoqq li tigi kkonfermata; u (iii) in kwantu rigwarda l-allegata insolvenza tas-socjetajiet Madliena Village Limited u Alfavil Construction Limited, din l-affermazzjoni tmur ghal kollox kontra d-dikjarazzjoni maghmula mid-Diretturi ta’ l-imsemmija socjetajiet datata 10 ta’ Settembru 2008 lill-Awtorità Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta u markati Dok. “A” sa’ Dok. “E” a fol. 26 sa’ 45 tal-process;

Ra t-talba tal-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited sabiex in vista ta’ l-aggravju preliminari tieghu dwar l-irritwalità u nullità ta’ l-istimi meritu ta’ dan l-appell it-Tribunal ghal issa jillimita s-smigh tal-provi ghal dan l-aggravju u jaghti decizjoni dwar tali aggravju qabel ma jittratta l-appell fil-meritu. Ra li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma ghandux oggezzjoni ghal din it-talba;

Sema’ x-xhieda ta’ Silvio Busuttil, Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited, moghtija waqt is-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2013[1] u sema’ x-xhieda ta’ Roderick Zammit Randich in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduta tal-25 ta’ Novembru 2013[2] u ra d-dokumenti esebiti minnu u markati Dok. “RZ1” a fol. 61 sa’ 101 tal-process;

Sema’ t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet fir-rigward ta’ l-aggravju preliminari tal-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited dwar l-irritwalità u nullità ta’ l-istimi meritu ta’ l-appell;

Ra l-atti tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni Silvio Busuttil *qua* Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited qed jappella mill-istimi mahruga mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-konfront ta’ l-imsemmija socjetà ghall-perijodi ta’ taxxa ghas-snin 2006 sa’ 2008 u ghall-perijodi ta’ taxxa mill-1 ta’ Jannar 2009 sal-31 ta’ Marzu 2009 u mill-1 ta’ Ottubru 2010 sal-31 ta’ Dicembru 2010. Huwa jitlob li jigi dikjarat li l-ammonti pretizi

[1] Fol. 58 tal-process.

[2] Fol. 102 sa’ 105 tal-process.

mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fl-imsemmija stimi ma humiex dovuti stante li: (i) in via preliminari l-istimi in kwistjoni huma irriti u nulli peress illi s-socjetà Alfavil Construction Limited tpoggiet fi stat ta' xoljiment fl-10 ta' Settembru 2008 u ghaldaqstant m'ghandhiex diretturi u l-istimi ghalhekk qatt ma setghu jinhargu f'isem is-socjetà u wisq inqas jigu notifikati lid-Direttur, kif invece gara; u li (ii) fil-meritu l-ammonti reklamati mid-Direttur Generali ma humiex dovuti ghaliex kien hemm arrangament *ad hoc* ma' l-istess Direttur Generali li s-socjetà ma ghandhiex tigbor il-VAT fuq ix-xoghol taghha u li l-VAT li kellha tithallas kellha tithallas biss jekk u meta l-appartamenti proprjetà tas-socjetà Madliena Village Limited jinbieghu *finished*, liema appartamenti però dejjem inbieghu *shell* jew *semi-finished* izda qatt ma nbieghu *finished* u ghalhekk id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ma kellux dritt johrog l-istimi in kwistjoni.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jopponi ghat-talba tal-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited u jitlob li l-istess tigi michuda stante li l-istimi in kwistjoni huma validi kif jirrizulta mill-fatt stess li r-Rikors promotur gie intavolat mill-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited li fih innifsu huwa prova li l-istimi nhargu kontra ir-rapprezentant legali attwali tas-socjetà, ossia l-Likwidatur mahtur minnha, u mhux f'isem id-Direttur tas-socjetà. Fi kwalunkwe kaz il-*lapsus* da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fejn erronejament irrefera ghal Silvio Busuttil bhala Direttur u mhux Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited ma jnaqqas xejn mis-sahha tan-notifika ta' l-istimi u dana ai termini ta' dak provdut fl-Artikolu 72(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-meritu jeccepixxi li minn investigazzjoni immexxija mit-Tax Compliance Unit u sussegwentement fl-istadju tar-Review, irrizultaw fatti xort' ohra minn kif premess mill-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited u ghaldaqstant il-likwidazzjoni tat-taxxa mahduma minnu hija gusta u jisthoqq li tigi kkonfermata, u in kwantu rigwarda l-allegata insolvenza tas-socjetajiet Madliena Village Limited u Alfavil Construction Limited, din l-affermazzjoni tmur ghal kollox kontra d-dikjarazzjoni maghmula mid-Diretturi ta' l-imsemmija socjetajiet datata 10 ta' Settembru 2008 lill-Awtorità Maltija ghas-Servizzi Finanzjarji.

In vista tal-fatt li t-Tribunal gie mitlub jittratta u jiddeciedi l-aggravju preliminari sollevat mill-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited qabel ma jidhol fil-meritu ta' l-appell, din id-decizjoni hija limitata ghal dan l-aggravju u cioè ghall-allegata irritwalità u nullità ta' l-istimi li d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) hareg kontra s-socjetà Alfavil Construction Limited.

Silvio Busuttil *qua* Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited jibbaza l-aggravju ta' l-irritwalità u nullità ta' l-istimi meritu ta' l-appell fuq il-fatt li fl-10 ta' Settembru 2008 l-imsemmija socjetà tpoggiet fi stat ta' xoljiment u b'effett minn dakinhar is-socjetà giet bla Diretturi u hu gie nominat Likwidatur taghha u konsegwentement ghalhekk l-istimi li nhargu fit-3 ta' Dicembru 2012 ma setghux jinhargu f'isem is-socjetà Alfavil Construction Limited u ma setghux jigu notifikati lid-Direttur ta' l-imsemmija socjetà.

Bhala fatt jirrizulta inkontestat li s-socjetà Alfavil Construction Limited tpoggiet fi stat ta' xoljiment u mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li fil-15 ta' Mejju 2009[3] Silvio Busuttil gharraf lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud biex l-korrispondenza kollha relattiva ghas-socjetà Alfavil Construction Limited tigi indirizzata lilu fl-indirizz tieghu "County Lodge" A. De Saavedra Street, San Pawl tat-Targa, Naxxar. Jirrizulta wkoll li fil-25 ta' Settembru 2012 id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) hareg stimi provvizorji ghall-perijodi ta' taxxa meritu ta' dan l-appell kontra is-socjetà Alfavil Construction Limited fl-indirizz "County Lodge" Triq A. De Saavedra, Naxxar, b'*covering*

---

[3] Doc. "RZ1" ipprezentat mir-rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol. 61 tal-process.

*letter* relattiva wkoll datata 25 ta' Settembru 2012 indirizzata *The Director Alfavil Construction Limited Att: Mr. Silvio Busuttil (Company Liquidator) 4, Country Lodge Triq A. Dr Saavedra, Naxxar*[4]. In segwitu ghall-hrug ta' l-istimi provvizorji intalab Review izda d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud xorta wahda ma accettax l-ammonti indikati fit-*tax returns* tas-socjetà Alfavil Construction Limited u fit-3 ta' Dicembru inhargu l-istimi finali fil-konfront tas-socjetà Alfavil Construction Limited fl-indirizz "County Lodge" Triq A. De Saavedra, Naxxar, b'*covering letter* relattiva datata 19 ta' Dicembru 2012 indirizzata *The Director Alfavil Construction Ltd. County Lodge Triq A. De Saavedra, Naxxar*[5]. Jirrizulta wkoll li kemm l-istimi provvizorji kif ukoll l-istimi finali gew notifikati fl-indirizz "County Lodge" Triq A. De Saavedra, Naxxar[6].

Wara li kkonsidra l-provi prodotti u sottomissjonijiet avvanzati mill-partijiet kontendenti t-Tribunal iqis li l-aggravju preliminari sollevat mill-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited ma huwiex gustifikat u ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Jibda biex jinghad li kuntrarjament ghal dak pretiz minn Silvio Busuttil il-fatt li socjetà kummercjali titpogga fi stat ta' xoljiment ma jwassalx biex dik is-socjetà titlef l-ezistenza guridika taghha bil-konsegwenza li ma jkunux jistghu jinhargu atti u dokumenti ufficjali, fosthom stimi tat-taxxa, fil-konfront taghha. Din l-osservazzjoni ssib konferma kemm f'dak provdut fl-Artikolu 4(4) ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta: *socjetà kummercjali ghandha personalità guridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri taghha, u l-imsemmija personalità guridika tibqa' ssehh sakemm l-isem tas-socjetà kummercjali ma jigix imhassar mir-registru, u b'hekk is-socjetà kummercjali tieqaf tezisti*, kif ukoll f'dak osservat mill-Professur Andrew Muscat fil-ktieb *Principles of Maltese Company Law* meta ttratta dwar [The] *Commencement and termination of juridical personality: The juridical personality of a company continues to subsist until the name of the company is struck off the register. It is at that point that the company ceases to exist. … Two observations should however be made* [dwar il-process ta' xoljiment] *(i) that a company retains its juridical existence throughout the process of liquidation and winding up to the moment it is struck off, and (ii) that the Companies Act now allows a court to order that the name of the company be restored to the register and the winding up be reopened (effectively 'resurrecting' the company) if it is satisfied that the winding up and the striking off have been vitiated by fraud or illegality of a material nature*[7].

Hija r-rapprezentanza tas-socjetà kummercjali li tigi effettwata hekk kif is-socjetà titpogga fi stat ta' xoljiment u jigi mahtur Likwidatur. In fatti hekk kif socjetà titpogga fi stat ta' xoljiment u jigi nominat Likwidatur id-Diretturi u s-Segretarju tal-kumpannija jitlfu l-poteri taghhom u konsegwentement ghalhekk anke r-rapprezentanza tas-socjetà, li f'dak l-istadju jghaddu fil-persuna tal-Likwidatur. Dana kollu jirrizulta kkonfermat f'dak provdut fl-Artikolu 295 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta: *mal-hatra ta' stralcarju, is-setghat kollha tad-diretturi u tas-segretarju tal-kumpannija jieqfu, sakemm mhux provdut xort' ohra f'dan it-Titolu* u f'dak osservat mill-Professur Andrew Muscat fl-imsemmi ktieb *Principles of Maltese Company Law* meta tratta dwar *Duties relating to the liquidation of the company: Once a company has been dissolved and a liquidator appointed, "all the powers of the directors and of the company secretary shall cease except as may be otherwise provided in [the Title dealing with the dissolution and consequential winding up of companies]". The only power that appears to be retained by*

---

[4] Dokumenti esebiti mir-rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol. 63 sa' 77 tal-process.

[5] Dok. "SB01" anness mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 17 tal-process u esebiti mill-gdid mir-rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol 81 sa' 100 tal-process.

[6] Dokumenti esebiti mir-rapprezentant tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol. 78 u 79 u a fol. 85 tal-process.

[7] Kapitolu 4 - Corporate Personality - pagna 239.

*the directors during the period of liquidation is in relation to meetings of the creditors and contributories which are to be summoned by the liquidator*[8].

B'hekk meta socjetà kummercjali tkun fi stat ta' xoljiment dokumenti jew atti ufficjali relattivi ghaliha ghandhom jinhargu fil-konfront taghha izda ghandhom jigu notifikati lill-Likwidatur *qua* r-rapprezentant ufficjali taghha f'dak l-istadju. Kemm-il darba tali atti jew dokumenti ma jigux notifikati lill-Likwidatur imma jigu notifikati lid-Direttur u/jew lis-Segretarju tal-kumpannija tali notifika ma tistax titqies bhala legalment valida u jista' jkun hemm impatt ukoll fuq il-validità tad-dokument je watt innifsu.

Dana kollu japplika anke fir-rigward ta' stimi ta' taxxa. In effetti fil-kuntest tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud il-Ligi stess tipprovdi li Likwidatur ta' socjetà kummercjali ghandu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi jitqies bhala r-rapprezentant tas-socjetà u li kull avviz mahrug taht u skond l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-konfront ta' dik is-socjetà ghandu jigi notifikat lilu sabiex jitqies li gie validament notifikat lit-*tax payer*, ossia lis-socjetà. Dan kollu jirrizulta b'mod car minn dak provdut fl-Artikolu 66(1) u (4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta: *(1) kull segretarju, manager, direttur, stralcarju jew ufficjal principali iehor ta' enti jew korp ta' persuni, kull werriet u ezekutur testamentarju u kull kuratur ta' l-eredità vakanti ta' persuna mejta, u kull min ikun tutur, kuratur, amministratur jew trustee ta' xi persuna ohra jew ta' xi trust, fund, jew enti iehor ghandu jkun rapprezentant, ghall-ghanijiet ta' dan l-Att, ta' dak il-korp ta' persuni, persuna mejta, persuna ohra, trust, fund jew enti iehor skont il-kaz. … (4) Avviz li jigi notifikat lil rapprezentant jew hlas lura li jsir lil rapprezentant fil-kariga tieghu ta' rapprezentant taht kull disposizzjoni ta' dan l-Att ghandhom jitqiesu bhala notifikat jew maghmul lill-persuna li huwa jkun rapprezentant taghha.*

Minn dan kollu appena osservat jirrizulta ghalhekk li l-element fondamentali vis-à-vis stima/stimi ta' taxxa mahruga fil-konfront ta' socjetà kummercjali li tinsab fi stat ta' xoljiment huwa lil min effettivament issir in-notifika ta' dik l-istima/stimi ta' taxxa. Sabiex in-notifika tkun valida u per konsegwenza titqies bhala valida l-istima/stimi ta' taxxa hekk mahruga fil-konfront tas-socjetà, in-notifika ghandha issir lill-Likwidatur tas-socjetà.

Kif già iktar 'l fuq osservat fil-kaz in ezami jirrizulta li l-istimi ta' taxxa meritu ta' dan l-appell inhargu fil-konfront tas-socjetà Alfavil Construction Limited u intbaghtu lil *The Director Alfavil Construction Ltd. County Lodge Triq A. De Saavedra, Naxxar*. Ghalkemm l-ittra tad-19 ta' Dicembru 2012, li hija l-*covering letter* relattiva ghall-istimi meritu ta' dan l-appell, giet hekk indirizzata lid-Direttur tas-socjetà Alfavil Construction Limited, in verità l-istess ittra u l-istimi relattivi inbaghtu fl-indirizz tal-Likwidatur u mhux fl-indirizz ta' xi wiehed mid-diretturi tas-socjetà. Li l-indirizz fejn intbaghtu l-ittra u l-istimi tat-taxxa huwa l-indirizz tal-Likwidatur jirrizulta ikkonfermat mill-ittra li Silvio Busuttil stess kien baghat lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-15 ta' Settembru 2009[9], fejn talab lid-Dipartiment *to address all future correspondence of the above company* [ossia Alfavil Construction Limited] *to my office at County Lodge, A De Saavedra Street, San Pawl tat-Targa, Naxxar*. Apparte l-fatt li l-istimi tat-taxxa fil-konfront tas-socjetà Alfavil Construction Limited intbaghtu fl-indirizz tal-Likwidatur tas-socjetà, mill-provi prodotti mid-Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) jirrizulta li n-notifika tal-istimi tat-taxxa ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi saret lill-Likwidatur tas-socjetà u mhux lil xi wiehed mid-diretturi taghha.

Mill-fotokopja ta' l-AR Card relattiva ghall-ittra datata 19 ta' Dicembru 2012 u stimi ta' taxxa annessi li ntbaghtu fil-fond County Lodge, Triq A. Saavedra, Naxxar, esebita a fol. 85 tal-process, jirrizulta li dik id-dokumentazzjoni giet ricevuta minn R. Busuttil bil-

---

[8] Kapitolu 7 - Duties and Liabilities of Directors - pagna 514.

[9] Dok. "RZ1" a fol. 61 tal-process.

Karta ta' l-Identità bin-Numru 499357(M). Mill-estratt tal-Common Database System esebit a fol. 101 tal-process jirrizulta li d-detentrici tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 499357(M) hija Rita Busuttil li tigi mart Silvio Busuttil, ossia mart il-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited. Ladarba ai termini tal-Ligi n-notifika ta' l-imsemmija stimi ta' taxxa kellha ssir lill-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited, a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 187 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jittratta dwar kif isiru n-notifiki ta' skritturi – *in-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja ta' l-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja tithalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'iden wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha: Izda, il-kopja ma tistax tithalla f'idejn persuni ta' età anqas minn erbatax-il sena, jew f'idejn persuna li, fil-hin tan-notifika, ghandha dizordni mentali jew kundizzjoni ohra, li taghmilha inkapaci li taghti xhieda ta' dik in-notifika. Persuna titqies li hija kapaci li taghti dik ix-xhieda, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju; u n-notifika ma tistax tigi attakkata bhala irregolari, ghal wahda minn dawk ir-ragunijiet, jekk jinsab illi fil-fatt il-kopja tkun waslet f'idejn il-persuna li lilha kellha tkun innotifikata…* - jirrizulta li n-notifika maghmula f'idejn mart il-Likwidatur hija ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi notifika valida.

Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk ma jistax jitqies li l-istimi ta' taxxa mahruga mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-konfront tas-socjetà Alfavil Construction Limited ghall-perijodi ta' taxxa ghas-snin 2006 sa' 2008 u ghall-perijodi ta' taxxa mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Marzu 2009 u mill-1 ta' Ottubru 2010 sal-31 ta' Dicembru 2010 huma irriti u nulli.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-aggravju preliminari sollevat mill-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited u jordna l-prosegwiment ta' dan l-appell fil-meritu.

L-ispejjez relattivi ghal din id-decizjoni preliminari ghandhom jigu sopportati interament mill-Likwidatur tas-socjetà Alfavil Construction Limited.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------